ĦAL GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħat Nru. 48 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Gimgha 26 ta' April 2012, fis-1.00pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard<br>Is-Sur Alan Picco |
| Uffiċċjali | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

---

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji: a) *Petty Cash* April 2012;

   b) Skeda ta' Ħlas April 2012;

   c) Approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements*;
5. Toroq;
6. Jum Ħal Għaxaq;
7. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.


Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

1. **Minuti**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 47 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Attard.

Il-Kunsill qabel unanimament.

2. **Tagħrif mill-Minuti**

a.Dwar item 3.3, Il-kwotazzjoni tal-*Alberta* għal *CCTV camera,* tista' tiġi aċċettata minħabba li s-Segretarju iċċekjat mad-Dipartiment u din il-kwotazzjoni ma taqbiżx l-ammont speċifikat biex tinħareġ kwotazzjoni oħra. Il-Kunsill qabel li din il-kwotazzjoni tiġi aċċettata.

b.Dwar item 3.6, is-Sur Buttigieg tal-MCAST informa li żewġ studenti se jiġu assenjati mal-Kunsill għax-xhur tas-sajf. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

3. **Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails)**:-

1. Mid-Dipartiment infurmaw dwar Servizzi ta' Prevenzjoni mogħtija mis-SEDQA.
Bagħatu wkoll Avviż Legali Nru. 63 tal-2010 dwar il-Bord ta' Governanza Lokali flimkien mal-Kodiċi ta' Etika għar-rappreżentanti Eletti tal-Gvern Lokali.
Irċevejna wkoll dwar Attivitajiet li jeħtieġu Permess mill-Kunsill Lokali, li dawk il-permessi tal-kjosks għandhom ikunu għat-tlett ġranet konsekuttivi fuq permess wieħed.

Infurmaw ukoll dwar Memo 17/2012 – Skema EGOV4U għall-Kunsilli Lokali, se jingħata *training* fuq l-użu tal-kompjuter kif wieħed ikun jista' jgħin liċ-ċittadin jagħmel użu tal-eGov.

2. Mill-AKL, fejn bagħatu jinfurmaw li ser issir Laqgħa ghas-Sindki fil-25 u s-26 ta' Mejju, 2012, ġewwa Lukanda Dolmen, Qawra ( anness formola tar-reġistrazzjoni). Gie deciz li l-Vici Sindku jattendi l-Gimgha u s-Sindku jattendi s-Sibt.

Infurmaw ukoll dwar il-Ħatriet fl-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Is-Sur Noel Galea, Sindku ġie maħtur membru fl-Eżekuttiv tal-AKL u Dr. Malcom Mifsud ġie maħtur Viċi-President (Internazzjonali).

3. Mill-MEPA infurmaw li l-bilanċ disponibbli għal fondi tal-UIF huwa ta' € 23,584.92.

Bagħatu wkoll li ser isiru laqgħat ta' nformazzjoni fit-2, 4 u 9 ta' Mejju, 2012, dwar is-sistema l-ġdida tal-*Mapserver*. Għal din il-laqgha ser tattendi s-Segretarju.

4. Mit-Transport Malta fejn għarrfu il-modifikazzjonijiet proposti fuq rotot eżistenti u ntroduzzjoni t'oħrajn ġodda.


15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

5. Mir-Reġjun Nofsinhar fejn stiednu lis-Sindku u l-Kunsillieri għal Laqgħa Annwali tar-Reġjun Nofsinhar li ser isir fid-19 ta' Mejju, 2012 fid-9.00. Hemm ħlas ta' €18 għal kiri tal-post u l-ikel. Is-Sindku ser jattendi għal din il-laqgħa.

6. Mill-Ispettur Mercieca fejn talab lill-Kunsill sabiex isir il-laqgħa ta' qabel il-festi kif isir kull sena. Ġie deċiż li din l-laqgħa ssir nhar it-Tnejn,30 ta' April, 2012.

7. Irċevejna erba' kwotazzjonijiet għall-ikel tar-riċeviment ta' Jum Ħal Għaxaq mingħand *Primavera Caterers*, *Santa Lucija*, *James Caterers* u *Neriku Caterers*. Minħabba li l-aħjar prezzijiet huma dawk ta' *Primavera* w l-Kunsill ħadem mal-*Primavera Caterers* qabel u dejjem kien sodisfatt, il-Kunsill iddeċieda li jaħdem bi *Primavera Caterers*.

8. Mingħand Ms Drury ta' *My Destinations Malta*, fejn tat aktar informazzjoni dwar is-servizz li joffru u l-prezzijiet tagħhom. Il-Kunsill qabel li din il-*website* issir u jittieħdu ritratti kif gej;

Il-Knisja Parrokkjali minn ġewwa;
Il-Pjazza tal-Knisja;
Sqaq tal-Kappillan;
Kappella ta' Santu Kristu;
Ġnien 2000;
Każin San Ġuzepp;
Każin Santa Marija;
Ġnien li qiegħed taħt kostruzzjoni f'Dawret Ħal Għaxaq.

9. Mill-NSO infurmaw li ser jerġa' jsir l-istħarriġ dwar il-kompożizzjoni tal-Iskart Muniċipali fil-ġimgħa bejn il-21 u 28 ta' April, 2012.

10. Mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal fejn infurmaw li ser jiġi organizzat *Rights 4U Course*.

11. Is-Sur Charles Agius, Segretarju tal-Għaqda Filantropika – Għaxaq, għarraf il-Kunsill li s-Sur Martin Ellul ġie maħtur fil-kariga ta' *Chairperson* ta' din il-Għaqda wara r-riżenja tas-Sinjura Rose Pace minn din il-kariga.

**<u>Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill:- ( Posta u e-mails)</u>:-**

a) Intbagħatet e-mail lis-Sur Stanley Portelli ta' TM dwar Triq San Gorg, fejn infurmajnih li l-Perit Galea ma kinetx għamlet kuntatt mal-Kunsill dwar din it-Triq.

b) Intbagħatet e-mail lill-Ing. Camilleri tal-WSC, fejn tlabnih xi tagħrif dwar id-drenaġġ fi Triq it-Tumbarellu, peress li ser isir xi xogħol minn naħa tagħna. ( Pjanta annessa). Dwar din l-e-mail is-Sindku qal li l-Perita, Ms Charmaine Cutajar qalet li jekk ma jkunx hemm rikjesta mir-residenti biex isir id-drenaġġ, dan ma jsirx.

c) Intbagħatet e-mail lid-Dipartiment u kopja lill-AKL dwar il-ħlas ta' tipping fees, fejn il-Kunsill infurma li mhux qed jaqbel u lanqas ser iħallas il-bilanċ pendenti li hemm mal-WasteServ.

## 4. Materji Finanzjarji

a. *Petty Cash*: Is-Segretarju elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul April 2012, li kienu jammontaw għal €55.91. Il-Viċi Sindku qara l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Is-Segretarju talbet li tiġi kkumpensata b'€55.91 għall-*petty cash*. Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Attard.

b. *Skeda ta' Ħlas April 2012*: Is-Segretarju poġġa fuq il-Mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' April 2012 u li jammontaw għal €8,024.44. Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlas u ġie sekondat mis-Sinjura Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

c. *Audited Financial Statements:* Is-Segretarju ccirkolat kopji tal-*Audited Financial Statements (App. 1)* sa Dicembru 2011, kif ġew emendati mill- A*ccountant* is-Sur Patrick Caruana. Is-Sur Caruana għamel l-ispjegazzjonijiet saljenti, wieġeb għal mistoqsijiet tal-membri u talab lic-*Chairperson* biex ikun approvat dan ir-rapport.

   Wara diskussjoni l-Kunsill unanimamanet approva l-*Audited Fianancial Statements* kif preżentati.

## 6. Toroq

Is-Sindku qal li minħabba li parti minn Triq San Gorg li suppost issir minn *Transport Malta* ser jagħmilha l-Kunsill bi qbil ma' *Transport Malta*, dawn tal-aħħar se jikkumpensaw il-Kunsill u b'dan il-kumpens il-Kunsill issa jista' jdaħħal Triq il-Gudja ma *Phase 3* u jsir ukoll il-Culvert ghall-ilma quddiem Triq ic-Ceppun.

Is-Sindku qal ukoll li minħabba li l-makkinarju li l-kuntrattur qed jaħdem bih biex isiru t-toroq bit-tarmak ma jidħolx fi Sqaq ta' Loretu, dan l-iSqaq ser isir bil-konkos u jingħata il-kulur. Il-Viċi-Sindku qal li l-aħjar ngħidu lill-Perit biex jiċċekkja mal-MEPA jekk dan hux permessibbli.

Is-Sur Vassallo qal li bankina fi Triq iż-Żejtun, minn Bir-id-Deheb sa Santa Tereża jeħtieġ tittranġa, din it-Triq ser issir bit-tarmak. Żied jgħid li jkun sewwa jekk il-Kunsill juża l-flus tal-UIF biex isiru l-bankini. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni. Is-Sinjura Agius qalet li l-bankini ma jridux ikunu għoljin.

Il-Kunsill qabel.

**9. Jum Ħal Għaxaq**

Saret diskussjoni dwar Jum Ħal Għaxaq li ser isir nhar il-Ħadd, 29 ta' April, 2012.

Is-Sindku qal li minn dawk il-koppji li se jagħlqu 25 miżżewġin u li ġew mistiedna jattendu għal quddiesa u riċeviment, sitta minnhom biss wieġbu lura.

Il-wirja tal-karozzi *Ford* kif ukoll *it-tournament* tal-futbol konfermati li ser isiru. Ser issir ukoll wirja tal-*Crafts* minn nisa li jattendu l-*Mother & Baby Club*.

Minħabba li ma kienx hemm konkorrenza tajba l-ħarġa għal Għawdex kellha titħassar.

Sar qbil li t-Turretta tkun miftuħa għal sagħtejn bejn l-10.00am u 12.00pm għal min ikun irid jaraha.

Is-Sindku qal li l-aħjar isir programm u jitqassam fil-ħwienet. Il-Kunsill qabel.

**10. Suġġerimenti mill-Kunsilliera**

a. Is-Sinjura Agius staqsiet jekk s-Sinjura Marianne Schembri li se tingħata Ġieħ Ħal Għaxaq ipprovdietx ċertifikati ta' dak li għamlet u li l-Kunsill se jonorha għalih. Il-Kunsill iddeċieda li jekk is-Sinjura għanda Ċertifikati din tista' tipprovdi kopja tagħhom lill-Kunsill.

b. Is-Sur Abdilla qal li hemm il-ħtieġa li niktbu lis-sid tal-ħanut tal-ikel li hemm Bir-id-Deheb biex dan jipprovdi *skip* għal użu tiegħu. Is-Sur Abdilla kompla jgħid li dan is-sid jarmi ħmieġ fl-art jekk l-*iskip* tkun mimlija. Il-Kunsill qabel.

c. Il-Kunsilliera Agius qalet li fi Triq id-Dejl u Triq ir-Rebbiegħa hemm partijiet minnhom li jeħtieġ jerġgħu jittranġaw għax niżlu. Il-Kunsill qabel.

d. Il-Kunsilliera Agius kompliet tistaqsi għaliex il-Kunsill ma jużax il-ħaddiema li għandu assenjati miegħu biex jirranġaw il-bankini. Is-Sindku qal li l-bankini ser iduruhom. l-Vici-Sindku ressaq proposta biex il-haddiema taghna jaghmlu xoghol ta' tiswija fil-bankini". Il-Kunsill qabel.

e. Is-Sindku qal li ħdejn il-kappella ta' Santa Luċija hemm bir u jeħtieġ jitnaddaf madwaru fejn se jithawwlu s-siġar. Il-Kunsill qabel.

f. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li nordnaw 3 tabelli, 2 biex ma jintefax żibel fi Triq Gardell u Burmatub u oħra "*Parking within the Lines*" għal Bir-id-Deheb. Il-Kunsill qabel.


Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

**11. <u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku fit- 3.15pm aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tlieta 29 ta' Mejju 2012, fis-2:00 p.m.

**Emanuel Vassallo**
Sindku

**Therese Xuereb**
Segretarju Eżekuttiv

**<u>Ikkonfermati:- It-Tlieta 29 ta' Mejju 2012 fis-2.00pm</u>**